MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 990/1996/1

Avviz nru:- 990/96 DM

Joseph Galea personalment u bhala direttur ta' Professional Computing

Vs

Charles Francica u Romina Francica bhala diretturi ta' Bognor Regis Catering Company Limited

Il-Qorti,Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur, proprio et nomine, talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' somma dovuta minnhom ta' Lm984.38 (disa' mija u erba u tmenin liri Maltin u tmienja u tletin centezmi) dovuta bhala prezz ta' "servicing" fuq makkinarju, bejgh u konsenja ta' stationery uzat fil-'cash register' u servizzi professjonali provduti mill-attur proprio et nomine, u kif obbligaw ruhhom li jhallsu permezz ta' hames cheques datati 14/9/96, 22/9/96, 27/9/96, 4/10/96, u 10/10/96 u liema

ammont huma naqsu li jhallsu minkejja mitlubin jghamlu dan.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tas-servizzi u bejgh relattivi kontra l-konvenuti pro et noe li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat is-sentenza taghha moghtija fit-8 ta’ Novembru 1996 in segwitu annullata u revokata b’ sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Appell moghtija fl-4 ta’ Mejju 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ l-konvenuti fejn eccipew illi:

1 Fl-ewwel lok, in-nullita tal-avviz promotur stante illi gie intavolat minn zewg persuni guridici separati u distinti minn xulxin sabiex jigu kanonizzati zewg krediti allegatement dovuti li wkoll huma separati, differenti u distinti minn xulxin;
2 Fit-tieni lok, it-talba avvanzata mill-attur personalment ghall-hlas ta’ “audit fees” hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2150 ( c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3 Fit-tielet lok, il-prezz mitlub ghal “audit fees” huwa ezagerat u eccessiv;
4 Fir-raba’ lok, it-talba avvanzata mill-attur nomine ghal materjal ta’ stationery wkoll hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5 F’kull kaz tali talba mhix gustifikata stante li tirrigwarda “stationery” konsistenti f’”rolls ta’ ‘Cash Register’ liema ‘Cash Register’ li wkoll gie mibjugh mill-attur nomine lill-eccipjenti, ma kienx qed jiffunzjona u ma giex servizzat mill-attur nomine kif kien obbligat li jghamel;
6 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat in-nota tac-cessjoni pprezentata fl-14 ta’ Jannar 2000 mill-atturi Professional Computering Limited.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni pprezentata fl-14 ta’ Jannar 2000 mill-attur Joseph Galea proprio fejn irriduca s-sorte ghas-

somma ta’ Lm932.50 (disa’ mija tnejn u tletin lira Maltin u hamsin centezmu).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti,

Rat l-atti kollha tal-process; u
Ikkunsidrat:

Man-nota tac-cessjoni pprezentata mill-atturi Professional Computing Ltd it-talba attrici giet limitata ghat-talba ghall hlas  tad-drittijiet professjonali  dovuti lill-attur Joseph Galea personalment.

Dawn is-servizzi professjonali  huma dawk li jinsabu elenkati fid-dokumenti CJ1 sa CJ4 minn fol 15 sa fol 18 (tal-process) ammontanti ghal somma totali ta’ Lm805 (tmien mija u hames liri Maltin).

Mid-deposizzjoni tal-attur stess jirrizulta wkoll illi l-kumpanija konvenuta kienet effettivament bejn l-14 ta’ Settembru 1995 u l-10 t’Ottubru 1995 bghatet lill-attur personalment, (5) hames cekkijiet ta’ import komplessiv ta’ Lm984.38 (disa’ mija erba’ u tmenin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu) liema cekkijiet pero ma kienux gew onorati mill-Bank u ma ssarfux.

Ghalhekk billi t-talba issa hija limitata ghal dak li jirrigwarda biss lil Joseph Galea personalment, u ghal dak li ghandhu jiehu Joseph Galea personalment, il-Qorti qieghdha tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Bit-tieni eccezzjoni taghhom, il-konvenuti mbaghad jeccepixxu l-preskrizzjoni ta’ sentejn kontemplata mill-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili, ghalkemm b’isvista fl-eccezzjoni indikaw l-Artikolu 2151 (c).  Billi bic-cekkijiet spediti mill-konvenuti fl-1995 jirrizulta rikonoxximent tal-kreditu li jippretendi l-attur, l-preskrizzjoni tista’ tibda tiddekorri biss minn dak in-nhar li gew spediti l-istess cheques u konsegwentement jirrizulta illi s-sentejn

kontemplati mill imsemmi Artikoli bdew jiddekorru mill-10 t'Ottubru 1995 id-data ta' l-ahhar cekk.

Ghalhekk billi l-avviz gie pprezentat fid-9 t'Ottubru 1996 ma kienux lahqu ddekorrew is-sentejn kontemplati mill-imsemmi Artikolu u konsewgentement il-Qorti tirrespingi wkoll din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghall-istess raguni, u cioe r-rikonoxximent tal-konvenuti tal-kreditu li jippretendi l-attur, kif jirrizulta mill-istess cekks, ma jistghux il-konvenuti jippretendu illi llum ssir revizjoni tal-istess drittijiet minhabba li jsosstnu li huma esagerati u eccessivi u konsegwentement tirrespingi l-eccezzjoni taghha f'dan ir-rigward.

Fil-mertu l-konvenuti, kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Charles Francica, jammettu illi l-attur kien irrendielhom servizzi professjonali ta' accountant u ma jinnegawx illi huma ta' dawn id-drittijiet kienu digia' accettaw il-hlas billi baghtu c-cekkijiet esibiti mill-attur.

Ghaldaqstant l-attur li ghandhu jigi ritenut illi pprova sodisfacentement it-talba tieghu limitatament ghas-somma ta' Lm805 (tmien mija u hames liri Maltin) u l-Qorti qieghdha tilqa l-istess talba tal-attur Joseph Galea personalment, fejn tirrigwarda biss id-drittijiet ghas-servizzi personali pprovduti minnhu lill-konvenuti u, fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qieghdha tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm805 (tmien mija u hames liri Maltin) ghas-saldu tad-drittijiet kollha tal-attur personali kif indikat fl-istess avviz.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba tal-kumpanija Professional Computing Limited u limitata ghal prezz ta' servicing fuq makkinarju u bejgh u konsenja ta' 'stationery', stante n-nota ta' cessjoni l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Inoltre tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-imghax kummercjali fuq il-kapital ta' Lm805 (tmien mija u hames liri Maltin) b'effett mill-10 t'Ottubru 1995.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal sesta  parti (1/6) mill-atturi in solidum bejnithom u hames sesti (5/6) mill-konvenuti.

.........................................
Mag. Dr. D. Montebello B A LLD

S Farrugia
Dep Reg

Civ 46